**25 ta' April, 1961**

**Imhallef :—**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Falliment tan-Neguzjant Henry Shirley Furniss-Roe.

**Falliment — Verifika tal-Krediti — Solidarjetà — Privileġġ — Ipoteka — Art. 2134, 2114, 2135, 2137, 2113(c), 2138(1), 2145, 2146(1) (2) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Debiti li huma nkorsi mil-fallit flimkien ma' neguzjant ieħor għandhom jiġu jidħlu fl-inventarju tal-passiv tal-fallit fl-interezza tagħhom; għaliex fl-obligazzjonijiet kummerċjali hemm il-preżunzjoni li l-kondebituri huma obligati solidalment, fin-nuqqas ta' ftehim kuntrarju.*

*Il-privileġi u l-ipoteki għandhom jiġu diskussi fil-ġudizzju tal-verifika kwantu għall-eżistenza tagħhom; u tibqa' mbgħad riżervata għall-ġudizzju tal-gradwazzjoni d-deċiżjoni dwar il-grad tagħhom.*

*Il-privileġi speċjali fuq l-immobili ma għandhomx effett jekk ma jiġux reġistrati fir-Reġistru Pubbliku fi żmien xahrejn mill-jum tat-terminazzjoni tax-xogħolijiet partikulari li in rigward tagħhom jiġi reklamat il-privileġġ, u mhux mill-kompiment ta' xogħolijiet oħra li talvolta jsiru posterjorment fl-istess fond minn persuni oħra.*

*Il-privileġi speċjali fuq ħwejjeġ mobili mhumiex suġġetti għall-inskrizzjoni.*

*L-ipoteki legali ġudizzjali jew konvenzjonali, ma għandhomx effett jekk ma jiġux imniżżla fir-Reġistru Publiku; u ma jieħdux grad ħlief minn dak inhar li jiġu hekk inskritti. U din l-inskrizzjoni ma għandhiex effett jekk tiġi magħmula fi żmien meta id-debitur ikun fi stat ta' falliment, jew jekk jiġi pruvat li l-kreditur, fiż-żmien tal-inskrizzjoni, kien jaf b'ċirkustanzi li setgħu jġiegħlu lid-debitur jiddikjara falliment.*

*Dan, però, ma jgħoddx, u kwindi l-inskrizzjoni jkollha effett, għal dawk il-privileġi u ipoteki li jkunu ġew akkwistati*

*qabel il-jum fuq imsemmi, jiġifieri l-jum li fih id-debitur kien fi stat ta' falliment, jew li fih il-kreditur isir jaf b'ċirkustanzi li setgħu jġiegħlu lid-debitur jiddikjara falliment, jekk iż-żmien utili għall-konservazzjoni ta' dawk l-ipoteki jew privileġi jkun għadu ma skadiex.*

*Iċ-ċirkustanzi atti biex jinduċu d-debitur jiddikjara falliment huma dawk li, billi juru b'mod aktar qawwi d-dissest, iġiegħelu lid-debitur jitlef il-kreditu, u fil-ħsieb ta' nies ta' prudenza ordinarja jnisslu l-previżjoni ta' rovina imminenti tad-debitur.*

Digriet dwar il-verifika tal-Krediti;

L-Imħallef sottoskritt, wara li ra s-sentenza tal-Qorti fuq indikata tal-24 ta' Ottubru 1958, li biha l-imsemmi Neguzjant Henry Shirley Furniss-Roe gie dikjarat fi stat ta' falliment u li waqaf mill-pagamenti fl-10 ta' Settembru 1958, u ġie nominat kuratur l-Avukat Dottor Giuseppe G. Gatt, u wkoll is-sentenza tal-istess Qorti li biha l-imsemmija data tal-10 ta' Settembru 1958, li fiha ġie dikjarat li l-fallit kien waqaf mill-pagament, ġiet mibdula f'dik talewwel ta' Awissu 1958; u wara li ra l-inventarju tal-beni tal-fallit u l-lista tal-kredituri, magħmula mill-kuratur, l-ordni tal-istess Imħallef u l-avviżi kontemplati fl-art. 3602(2) tal-Kodiċi tal-Kummerċ, il-proċess verbali tasseduta miżmuma skond l-ordni fuq imsemmi u tas-seduti sussegwenti, ir-rikorsi preżentati mill-kredituri biex il-kreditu rispettiv jiġi ammess fil-passiv, u d-dokumenti komprovanti diversi minn dawk il-krediti, u l-eċċezzjonijiet tal-kuratur; u wara li sama' l-provi testimonjali li ġew imressqa; ra d-dokumenti prodotti u sama' lill-kuratur u lid-difensuri; għadda għall-verifika tal-krediti konformement għal dak li hemm maħsub u li jingħad fl-art. 606 tal-Kodiċi ċitat, u għamel dan id-digriet dwar dik il-verifika;

Il-kredituri li ppreżentaw rikors biex il-krediti tagħhom jiġu ammessi huma dawn li sejrin jissemmew:—

1. Mario Gauci, Chairman tal-Gas Board, li vvanta kreditu ta'.........;

2. Anthony Falzon, O.B.E., Manager tal-Water & Electricity Department, li vvanta kreditu ta'.........;

3. Albert Agius Ferrante, P.L., Aġent Kummissarju tat-Taxxi Interni, li vvanta kreditu ta'.........;

4. James Malcolm Hunter, li vvanta kreditu ta'......;

5. Avukat Dr. Eric Sammut, mandatarju tal-assenti Robert Francis Roe, li vvanta kreditu ta'.........;

6. Anthony Caruana għad-ditta 'Captain A. Caruana' li vvanta kreditu ta'.........;

7. Alfred Zammit Cutajar għad-ditta "P. Cutajar & Co.", li vvanta kreditu ta'.........;

8. John Portelli f'ismu proprju u għad-ditta "John Portelli & Co.", li vvanta kreditu ta'.........;

9. Maria Stella armla ta' Anthony Zammit u Henry Zammit f'isimhom propriju u fil-kwalità tagħhom ta' komproprijetarji tad-ditta "Anthony Zammit" u għan-nom tal-istess ditta, li vvantaw kreditu ta'.........;

10. Charles Grech f'ismu propriju u għad-ditta "Charles Grech", li vvanta kreditu ta'.........;

11. John Reginald Mason, Manager tad-ditta "Saccone & Speed, Limited", li vvanta kreditu ta'.........;

12. Charles Bruno-Fraser f'ismu propriju u fil-kwalità tiegħu ta' Manager tad-ditta "Roadways", li vvanta kreditu ta'.........;

13. Arkitett u Inġinier Ċivili Arthur Cutugno, li vvanta kreditu ta'.........;

14. Paolo Cutajar, li vvanta kreditu ta'.........;

15. Carmelo Farrugia, li vvanta kreditu ta'.........;

16. Joseph Fenech f'ismu propriju u għad-ditta "Blockrete Limited", li vvanta kreditu ta'.........;

17. Emmanuele Pirotta f'ismu propriju u għad-ditta "Emmanuele Pirotta", li vvanta kreditu ta'......;

18. Francis Zammit f'ismu propriju u għad-ditta "Galea Brothers", li vvanta kreditu ta'.........;

19. Carmelo Abela, li vvanta kreditu ta'.........;

20. Nazzareno Vella għad-ditta "Nazzareno Vella & Brother", li vvanta kreditu ta'.........;

Il-krediti kollha fuq indikati ġew sostnuti b'dokumenti li jiġġustifikawhom, u ġew ukoll konfermati bil-ġurament tal-kreditur rispettiv......;

Kwantu għall-interessi, dawn ġew reklamati għall-krediti ta' James Malcolm Hunter......;

Il-krediti ta' Anthony Caruana nomine, ta' Mario Gauci nomine, ta' Anthony Falzon nomine, ta' Alfred Zammit Cutajar nomine, ta' John Portelli nomine, ta' Maria Stella Zammit u Anthony Zammit proprio et nomine, u ta' Charles Grech proprio et nomine, huma ndikati fl-inventarju fin-nofs tagħhom, u dan, preżumibbilment, billi huma kontra d-ditta "City Gem Restaurant", li kienet ġestita mill-fallit flimkien man-Neguzjant Kenneth William Douglas Bertram, anki dan dikjarat fallit b'sentenza ta' din il-Qorti tal-24 ta' Ottubru 1958; iżda fl-obligazzjonijiet kummerċjali hu preżunt, jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju — u dan il-ftehim fil-każ lanqas biss ma ġie allegat — li l-kondebituri huma obligati "in solidum" (art. 119(1) Kodiċi tal-Kummerċ). L-istess krediti, kwindi, għandhom fl-intier tagħhom jiġu ammessi fil-passiv. Del resto, l-inventarju ġie korrett f'dan is-sens bin-nota tal-kuratur fol. 243;

Riferibbilment għall-privileġi u għall-ipoteki, ukoll dawn għandhom jiġu diskussi fil-ġudizzju tal-verifika kwantu għall-eżistenza tagħhom; u tibqa' mbgħad riżer-

vata għall-ġudizzju tal-gradwazzjoni d-deċiżjoni dwar il-grad tagħhom;

Il-kreditu li hu munit b'ipoteka hu dak ta' John Reginald Mason nomine; liema ipoteka konvenzjonali, kostitwita in atti Dottor Frank X. Dingli tal-20 ta' Awissu 1958, ġiet inskritta fir-Reġistru Publiku fl-istess data, jiġifieri fl-20 ta' Awissu 1958, u ġġib in-numru 3412 ta' dik is-sena;

Il-krediti muniti bi privileġġ huma:— (a) Dak ta' Charles Bruno proprio et nomine......; (i) dak ta' Nazzareno Vella......;

Il-privileġi li huma skond il-liġi suġġetti għall-inskrizzjoni huma dawk taħt l-ittri (b) sa (i) inkluživament. Dak taħt l-ittra (b) ma ġiex reġistrat; l-oħrajn kollha ġew reġistrati, kif aktar il-fuq ġa ngħad;

Qabel ma wieħed jgħaddi aktar il-quddiem, jikkonvjeni li jagħmel aċċenn għall-kwistjoni li ġiet imqajma dwar l-imsemmijin krediti privileġġjati fuq il-fond fuq imsemmi, jiġifieri jekk dawn il-krediti humiex ta' ħaddiema tal-fallit jew jekk l-istess ħaddiema kienux ġew assunti mill-Arkitett u Inġinier Ċivili Cutugno bħala appaltatur; iżda mill-kumpless tal-provi, u speċjalment mid-depożizzjoni tal-istess Inġinier Cutugno (fol. 364), jirriżulta soddisfaċentement illi l-Inġinier Cutugno ma kienx l-appaltatur, u li hu qabbad il-ħaddiema bħala mandatarju tal-fallit, b'mod illi l-istess ħaddiema għandhom jiġu kunsidrati bħala mpjegati mal-istess fallit;

Dejjem fuq l-istess krediti privileġġjati, u fuq dak li hu munit bl-imsemmija ipoteka;

Kif diġa' ġie aċċennat. il-privileġi speċjali fuq l-immobili ma għandhomx effett jekk ma jiġux reġistrati fir-Reġistru Publiku; u din ir-reġistrazzjoni għandha ssir fiż-żmien ta' xahrejn (art. 2134 Kodiċi Ċivili);

Għall-krediti msemmijin fil-paragrafu (b) tal-art. 2114 tal-Kodiċi Ċivili, fosthom tal-arkitetti, appaltaturi, bennejja u ħaddiema oħra, fuq l-immobili mibni jew mibni mill-

ġdid, jew imsewwi, għall-kreditu tal-ispejjeż u tal-prezz ta' xogħolhom, u kwindi dawk, fil-każ preżenti, tal-kredituri fuq indikati li nskrivew il-privileġġ, iż-żmien fuq imsemmi jibda jgħaddi minn dak inhar li jitlesta x-xogħol, jew, skond il-każ, minn dak inhar tal-liberazzjoni tal-immobili (2135 Kod. Ċiv.). Fil-każ preżenti, tirrikorri biss l-ewwel alternattiva. Il-privileġġ kellu jiġi reġistrat fi żmien xahrejn mill-jum li fih ikun tlesta x-xogħol;

Dan it-terminu jiddekorri mill-jum tat-terminazzjoni tax-xogħolijiet partikulari li in rigward tagħhom jiġi reklamat il-privileġġ, u mhux mill-kompiment ta' xogħolijiet oħra li talvolta jsiru posterjorment fl-istess fond minn persuni oħra; għaliex, billi huma distinti l-krediti privileġġjati, ma hemmx raġuni l-għaliex it-terminu għall-inskrizzjoni tal-privileġġ kollha jiġi magħmul li jiddekorri mit-terminazzjoni tal-aħħar xogħol jew tal-aħħar somministrazzjoni (Kollez. Vol. XVII-II-21);

Il-privileġi speċjali fuq ħwejjeġ mobili mhumiex suġġetti għall-inskrizzjoni (art. 2137 Kod. Ċivili). Dan qiegħed jingħad riferibbilment għall-kreditu ta' Charles Bruno proprio et nomine, li hu għall-prezz ta' ġarr ta' ħwejjeġ mobili — privileġġ rikonoxxut, kif ġa ġie aċċenat, mill-art. 2113(c) tal-Kodiċi Ċivili;

L-ipoteka legali ġudizzjali jew konvenzjonali ma għandiex effett jekk ma tiġix imniżżla fir-Reġistru Publiku; u ma tieħux grad ħlief minn dak inhar tal-inskrizzjoni (art. 2138(1) Kod. Ċivili);

L-inskrizzjoni ma għandiex effett jekk tiġi magħmula fi żmien li fih id-debitur ikun fi stat ta' falliment, jew jekk jiġi pruvat li l-kreditur, fiż-żmien tal-inskrizzjoni, kien jaf b'ċirkustanzi li setgħu jġiegħlu lid-debitur jiddikjara l-falliment (art. 2145 (1) Kodiċi Ċivili);

Din id-disposizzjoni (art. 2145) ma tgħoddx, jiġifieri l-inskrizzjoni ikollha effett meta ma tkunx setgħet issir minħabba li ma kienx hemm żmien biżżejjed; u ż-żmien

jitqies mhux biżżejjed meta jkunu għadhom ma għaddewx ħmistax il-ġurnata minn dak inhar li setgħet issir l-inskrizzjoni sa dak inhar li fih id-debitur kien fi stat ta' falliment, jew sa dak inhar li fih il-kreditur sar jaf b'ċirkustanzi li setgħu jġegħlu lid-debitur jiddikjara falliment, jew sa dak inhar li fih id-debitur miet (art. 2146(1) Kodiċi Ċivili);

L-istess dispożizzjoni lanqas ma tgħodd, u kwindi l-inskrizzjoni jkollha effett, għal dawk il-privileġi u ipoteki li jkunu ġew akkwistati qabel il-jum fuq imsemmi, jiġifieri l-jum li fih id-debitur kien fi stat ta' falliment, jew li fih miet, jew li fih il-kreditur isir jaf b'ċirkustanzi li setgħu jġegħlu lid-debitur jiddikjara falliment, jekk iż-żmien utili għall-konservazzjoni ta' dawk l-ipoteki jew privileġi jkun għadu ma skadiex (art. 2146(2) Kodiċi Ċivili);

Fil-ġurisprudenza tagħna nsibu sentenzi li jgħidu illi l-istat ta' falliment li minnu titkellem il-liġi "è anche il fallimento di fatto" (Kollez. Vol. XVI-III-3); iżda Debono, fl-Appunti tiegħu fuq il-Falliment fid-Dritt Malti, jgħid illi "dacchè la legge dichiara inefficaci li inscrizioni prese in tempo in cui il debitore è in stato di fallimento, senza richiedere nel creditore la scienza di tale stato, è lecito dedurre, perchè la legge sia consentanea a sè stessa, che per istato di fallimento il su citato articolo 1810 (il-lum 2146(1) Kodiċi Ċivili) intende non ġià la semplice cessazione dei pagamenti, il fallimento latente, ma il fallimento dichiarato, sia dal debitore stesso, sia dalla Corte" (paġ. 59);

Iċ-ċirkustanzi atti biex jinduċu d-debitur jiddikjara falliment huma dawk li, billi juru b'mod aktar qawwi d-dissest iġiegħlu lid-debitur jitlef il-kreditu, u, kif jingħad fis-sentenza ċitata "agli uomini di ordinaria prudenza ne fanno prevedere imminente l'ultima rovina";

"Per altro", ikompli jgħid l-imsemmi Debono, "se lo stato di prossimo fallimento, conosciuto dal creditore, basta per rendere inefficaci li inscrizioni prese contro il debitore, vi deve bastare, per maggior ragione, la cessazione dei pagamenti, purchè sia nota al creditore" (paġ. 59);

Konformement għal dak li ntqal, l-ipoteka li biha ġie munit il-kreditu ta' John Reginald Mason nomine ma għandiex effett, għaliex mhix pura lanqas fil-kostituzzjoni tagħha, billi ġiet kostitwita meta d-debitur (il-fallit) kien fi stat wisq viċin għall-falliment, għoxrin ġurnata biss qabel il-falliment dikjarat, meta d-debitur kien waqaf mill-ħlas tad-djun tiegħu, meta ċ-ċirkustanzi kienu tali li jinduċu lid-debitur li jiddikjara falliment, u meta l-kreditur ma setgħax ma kienx jaf b'dawk iċ-ċirkustanzi. Anzi, sebbene l-kreditur qal illi meta ddeċieda li kien wasal iż-żmien biex isir il-kuntratt tal-kostituzzjoni tad-debitu ma kellu ebda idea li l-pożizzjoni ekonomika tad-debitur kienet tbiddlet għall-agħar, u li meta sama' li d-debitur falla baqa' sorpris (fol. 314), iżda hemm indizji biżżejjed qawwija li juru li kien jaf b'dawk iċ-ċirkustanzi. U difatti, il-kreditu tal-imsemmi John Reginald Mason nomine hu in parti (£148.14.6) għal merċi fornita lid-debitur meta dan kien Mombasa fis-sena 1951, in parti (£104.9.9) għal merċi fornita lill-istess debitur f'Malta bejn is-snin 1952 u 1958, u in parti (£836.11.4) għal bilanċ ta' somma akbar mislufa lill-istess debitur "brevi manu" fis-sena 1957 (fol. 202), billi fl-istess sena d-debitur ħallas £1500 li kien issellef minn għand id-ditta "P. Cutajar & Co." (fol. 61 u fol. 397 tergo). Issa, f'dan iż-żmien hekk twil, u non ostante s-somma pjuttost rilevanti nvoluta, il-kreditur baqa' inattiv, jiġifieri ma ħax passi biex jimmunixxi b'ipoteka l-kreditu tiegħu; imma wara l-bidu ta' Awissu 1958, meta ttieħdu l-proċeduri ġudizzjarji kontra d-debitur......;

*Omissis:*

Għar-raġunijiet premessi għandhom, u qegħdin, jiġu ammessi fil-passiv;

Bħala krediti sempliċement, mingħajr ebda kawża ta' prelazzjoni:—

1. Il-kreditu ta' Mario Gauci nomine......;

2. Il-kreditu ta' Anthony Falzon nomine......;

3. Il-kreditu ta' Albert Agius Ferrante, P.L. nomine......;

4. Il-kreditu ta' James Malcolm Hunter......;

5. Il-kreditu tal-Avukat Dr. Eric Sammut nomine...;

6. Il-kreditu ta' Anthony Caruana nomine......;

7. Il-kreditu ta' Alfred Zammit Cutajar nomine......;

8. Il-kreditu ta' John Portelli proprio et nomine......;

9, 10. Il-kreditu .ta' Maria Stella armla Zammit u Henry Zammit proprio et nomine......;

11. Il-kreditu ta' Charles Grech pr. et ne......;

12. Il-kreditu ta' John Reginald Mason ne......;

13. Tal-Arkitett u Inġinier Ċivili Arthur Cutugno...;

Bħala krediti bi privileġġ speċjali fuq il-ħwejjeġ trasportati:—

14. Il-kreditu ta' Charles Bruno-Fraser......;

Bħala krediti privileġġjati speċjalment fuq il-fond ġa bosta drabi fuq riferit f'Qormi Road, Casal Attard, għall-prezz ta' xogħol eżegwit u materjal fornit fil-kostruzzjoni ta' dak l-istess fond:—

15. Il-kreditu ta' Paolo Cutajar......;

16. Il-kreditu ta' Carmelo Farrugia......;

17. Il-kreditu ta' Joseph Fenech proprio et nomine...;

18. Il-kreditu ta' Emmanuele Pirotta......;

19. Il-kreditu ta' Francis Zammit proprio et nomine......;

20. Il-kreditu ta' Carmelo Abela......;

21. Il-kreditu ta' Nazzareno Vella, 30 Father Edgar Street, Mġarr, għal bilanċ tal-prezz ta' xogħolijiet eżegwiti u materjal fornit għall-kostruzzjoni tal-istess dar, fis-somma ta' £236.1.3.